MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2006

Numru 287/1995

Il-Pulizija
(Spettur Stephen Gatt)
vs

Aphron Agius, Kevin Saliba u Jason Mifsud

Illum 03 ta' Marzu 2006.

IL-QORTI

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-pulizija kontra l-imputati u dan talli:

1. Fil-lejl bejn il-25 u s-26 ta' Awissu 1993 gewwa triq Depiro Sliema ikkommettew serq ta' vettura Maruti Jeep bin-numru tar-registrazzjoni X 2174, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-hin, bil-mezz u bil- vjolenza numerika.

2. Fl-istess lok, jum u hin, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu vettura X 2147 Maruti Jeep ghad-detriment ta’ Paul Buhagiar f’isem / jew il-kumpannija Paul and Rocco.
3. Fl-istess lok, jum u hin, gewwa san Giljan volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, billi ghamlu hsara fuq il-vetturi li gejjin:

a) Honda bin-numru ta’ registrazzjoni L 6083 ghad-detriment ta’ Sandro Bianchi mis-Swieqi, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira maltin izda izjed minn hamsin lira maltin.
b) Fiat Mira Fiore 131, bin-numru ta’ registrazzjoni S 4509 ghad-detriment ta’ Francis Vella, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira maltin izda izjed minn hamsin lira maltin.
c) Honda bin-numru ta’ registrazzjoni T 7088 ghad-detriment ta’ Peter Degiorgio, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira maltin izda izjed minn hamsin lira maltin.
d) Vauxhall bin-numru ta’ registrazzjoni D 7161 ghad-detriment ta’ Dimitri Apanesenko.
e) Maruti Jeep bin-numru ta’ registrazzjoni X 2174 ghad-detriment ta’ Paul Buhagiar jew il-kumpannija Paul and Rocco, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira maltin izda izjed minn hamsin lira maltin.

U fil konfront ta’Aphron Agius u Jason Mifsud biss talli:
1. Gewwa dawn il-gzejjer maltin, fil-lejl bejn il-25 u is-26 ta’ Awissu 1993 saqu vettura Maruti Jeep bin-numru tar-registrazzjoni X 2174 b’manjiera traskurata, perikoluza u bla kont u b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew fil-professjoni taghhom.
2. Fl-istess data, lok, jum u hin saqu vettura minghajr ma kienu koperti b’polza tas-sigurta dwar ir-riskji ta’ terzi persuni.
3. Fl-istess data, lok u hin kisru Artikolu 4 tar-regolament numru 67 tat-Traffiku.
4. Fl-istess data jum u hin saqu vettura X 2174 meta kienu taht l-influwenza ta’ xorb spirituz jew drogi.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni biex il-Qorti barra milli taghti l-piena, tissospendi lil-imsemmija mill-licenzji kollha tas-

sewqan jew milli jottjenu xi licenzja tas-sewqan ghal perjodu li din il-Qorti jidrilha li huwa xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (fol 154 tal-atti) u li biha, billi deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fil-konfront ta' kullhadd fl-artikoli 261 (a)(b)(c)(f), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 276, 278, 279, 280, 325, u 533 tal-Kodici Kriminali u fil-konfront ta' Aphron Agius u Jason Mifsud fl-artikoli 3, 20 u 22 tal-Kapitolu 104 u fl-artikoli 4 u 18 tal-Kapitolu 65, iddecieda li jibghat lill-istess imputati sabiex jigu ggudikati minn din il-Qorti f'nuqqas ta' oggezzjoni da parti tal-istess imputati.

Semghet lil Jason Mifsud u Kevin Saliba jiddikjaraw li ma ghandhomx tali oggezzjoni (fol 168 tal-atti).

Semghet l-istess dikjarazzjoni ssir mill-imputat Aphron Agius (fol 172 tal-atti).

Semghet lill-akkuzati jiddikjaraw li ma ghandhomx provi x'jipproducu (fol 174 tal-atti).

Semghet it-tratazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi fil-lejl bejn il-25 u is-26 ta' Awissu 1993, PS 1243 Joseph Sant (fol 29 et seq ibid) kien 'duty' fl-ghassa ta' San Giljan u vicin nofs il-lejl kienu gew diversi persuni jaghmlu rapport fis-sens li vettura li fiha kien hemm diversi persuni kienet instaqet fi Triq il-Kbira, san Giljan u kienet saret hsara f'diversi vetturi parkeggjati fl-istess triq. Ghalhekk ix-xhud kien mar fuq il-post u a bazi tad-deskrizzjoni li kien inghata tal-persuni, tlieta b'kollox li kienu fil-vettura involuta, hu kien ikkonkluda li tlieta minn nies li kienu vicin il-knisja l-antika ta' san Giljan setghu kienu involuti f'dan il-kaz.  Ghalhekk dawn it-tlieta, ossija t-tlett akkuzati, kienu gew arrestati (ara wkoll l-anness rapport a fol 32 et seq ibid) kif ukoll ix-xhieda ta' PC 252 Stephen Mallia a fol 72 et seq ibid).

Illi dan il-kaz kien gie investigat mill-ufficjal prosekutur (fol 38 et seq ibid) u dan beda sabiex semma illi l-vettura

involuta kienet instabet mill-pulizija fi triq il-Kbira, rokna ma' Carmel Street. L-istess vettura kellha n-numru X 2174 u kienet giet rapurtata misruqa waqt li kienet parkeggjata fi Triq Depiro rokna ma' Ignatius Junction f'tas-Sliema u waqt li kienet mikrija lil Robin Andrew Chaplin minghand id-ditta Paul and Rocco, sitwata fil-Gzira (ara fol 66 u fol 67 ibid kif ukoll fol 150 et seq ibid).

Illi in rigward vetturi dammeggjati waqt l-incident in ezami, kienu ghamlu rapport Sandro Bianchi (fol 58 et seq ibid), sid il-vettura L 6083, Francis Vella (fol 75 et seq ibid) sid il-vettura numru S 4509, Peter Degiorgio (fol 77 et seq ibid), sid il-vettura T 7088 kif ukoll Dimitri Apanecenko li lilu tappartjeni l-vettura numru D 7161.

In oltre, l-akkuzati kollha kemm huma kienu gew interrogati u dawn irrilaxxaw stqarrija bil-miktub kull wiehed wara li kienu gew debitament imwissija skond il-ligi dwar id-drittijiet taghhom. L-istess stqarrijiet jinsabu annessi mal-'process verbal' tal-inkjesta Magisterjali li nzammet f'dan il-kaz (fol 46 et seq bid). Mill-atti relattivi ghall-istess inkjesta u mir-rapporti sottomessi mill-esperti nominati fiha u konfermati waqt dawn il- proceduri, jirrizulta li:

a) Il-vetturi kollha dammegjati, sitta b'kollox, garrbu hsarat li setghu jigu riparati u b'kollox stmati LM940.

b) L-istqarrijiet kollha rilaxxati mill-akkuzati, u analizzati mill-Qorti skond l-artikolu 661 tal-Kodici Kriminali, gew konfermati minnhom, qua kontenut, taht gurament u fil-qasir jidher li:

(i) Aphron Agius (fol 82 u fol 63 tal-process verbal) spjega illi fil-gurnata in kwistjoni kien jinsab f'kazin tal-Banda fejn xorob zewg birer. Sussegwentement, f'post iehor, xorob zewg birer ohra. Pero hawnhekk hu cahad li kien involut, b'xi mod, meta ittiehdet il-vettura in kwistjoni, u dan anke taht gurament.

(ii) Kevin Saliba (fol 84, 85 u fol 64 ibid) pero, wara li wkoll semma illi kien xorob madwar tlett fliexken ta' birra, hu rrakonta kif meta kienet ilha gia qed tinsaq il-vettura in kwistjoni hu kien tela fuqha billi rikeb wara. Sussegwentement, waqt li kienet qed tinsaq din il-vettura, intlaqtet karozza ohra tal-marka 'Mercedes'.

Eventwalment il-vettura li kien fuqha waqfet u giet abbandunata u wara xi ghaxar minuti hu kien gie arrestat mill-pulizija.
<u>(iii) Jason Mifsud</u> li wkoll xorob xi fliexken tal-birra stqarr in rigward il-karozza misruqa illi wara li tela fuqha " .. . jiena qabbadt il-'wires' u din startjat". In oltre semma wkoll li kienu habtu 'darba' sakemm giet abbandunata l-istess vettura. Pero, meta xehed taht gurament, hu semma li kienet intlaqtet vettura ohra peress li "......l-isteering iggammja".

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>Sandro Bianchi</u>, gia imsemmi, kien xehed illi fil-vettura misjuqa u li laqtet dik appartenenti lilu, kien hemm it-tlett akkuzati "... b'mod specjali lil dak li qieghed bil-qegheda fuq in-naha tal-lemin, cioe 'Aphron Agius'", waqt li ma setax jippreciza min kien qed isuq l-istess vettura, cioe jekk kienx Jason Mifsud jew Kevin Saliba. In <u>kontro ezami</u> hu kien qal li ".... jiena cert in rigward l-identita tal-akkuzat Aphron Agius u Kevin Saliba izda kellu 'daqsxejn ta' dubbju' dwar l-akkuzat Jason Mifsud".

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi in rigward l-akkuzi in ezami kif mahruga mill-Avukat Generali skond l-imsemmija nota, hemm referenza ghal serq kkwalifikat bi <u>vjolenza</u> <u>numerika</u> <u>bil-mezz, bil-valur u bil-hin</u>. Mill-provi kif hawn fuq esposti jidher li gie ppruvat illi t-tlett akkuzati, matul il-lejl, hadu l-vettura mikxufa in kwistjoni minn fejn kienet ipparkjata, bil-mezz kif deskritt mill-akkuzat Jason Mifsud, liema vettura kienet tiswa aktar minn mitt lira maltin, izda ma jidhirx b'mod car u evidenti li kienet teccedi l-valur ta' LM1,000 u dan kif jidher mir-relazzjoni teknika sottomessa minn Joseph Zammit. Ghalhekk l-akkuzati ghandhom jinstabu hatja ta' din l-akkuza kif kwalifikata.

In rigward l-akkuza taht l-artikolu 325 ibid, jidher mill-istess relazzjoni teknika citata, illi l-hsara kagunata kienet teccedi l-LM500. Pero l-Qorti ma tarax li l-akkuzati agixxew volontarjament meta kkagunaw l-istess hsara fil-

karozza misruqa u fil-vettura appartenenti lil terzi. (nuqqas ta' intenzjonalita anke ta' natura generika). Pero jidher evidenti illi l-istess hsarat gew kaguanti b'mod involontarju mit-tlett akkuzati u dan skond l-Artikolu 328 (d) tal-Kodici Kriminali, reat minuri u involut fl-akkuza kif migjuba, bil-partijiet lesi jigu prodotti waqt dawn il-proceduri sabiex jigi sodisfatt dak li jinghad fl-istess artikolu 328, l-ahhar proviso tal-Kodici Kriminali.

Illi dwar l-akkuzi skond il-Kapitolu 65 u 104 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jinghad is-segwenti:

a) In rigward il-Kapitolu 65 citat, jidher li fin-nota kontenenti l-'artikoli' in ezami gie citat l-artikolu erroneju. Di fatti l-artikolu 4 jittratta dwar il-hatra tal-Bord ghall-Kontroll tat-Traffiku u b'hekk l-akkuzati ma jistghux jigu ritenuti hatja tal-akkuza taht dan il-kapitolu.

b) In rigward il-Kapitolu 104 imsemmi jidher evidenti li l-akkuzati Aphron Agius u Jason Mifsud kisru dak li jiddisponi l-artikolu 3 ossija sewqan mhux kopert b'assikurazzjoni in rigward riskji ta' terzi persuni. Dwar dan hu minnu li ma rrizultax b'mod car u evidenti min kien fost it-tlett akkuzati li kien qed isuq il-vettura in kwistjoni meta gew kommessi d-delitti in ezami. Pero trattasi ta' delitti, l-istess akkuzati ghandhom jigu ritenuti bhala komplici skond l-artikolu 42 (d) tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-akkuzati kollha hatja talli

a) Fil-lejl bejn il-25 u s-26 ta' Awissu 1993 gewwa triq Depiro Sliema ikkommettew serq ta' vettura Maruti Jeep bin-numru tar-registrazzjoni X 2174, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-hin, bil-mezz u bil- vjolenza numerika u dan skond l-artikolu 261.

b) Fl-istess lok, jum u hin, <u>involontarjament</u> hassru, ghamlu hsara jew gharrqu vettura X 2147 Maruti Jeep ghad-detriment ta' Paul Buhagiar f'isem il-kumpannija Paul and Rocco u dan skond l-artikolu 328 (d) tal-Kodici Kriminali.

c) Fl-istess lok, jum u hin, gewwa san Giljan <u>involontarjament</u> hassru, ghamlu hsara jew gharrqu

hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, billi ghamlu hsara fuq il-vetturi li gejjin:
i) Honda bin-numru ta' registrazzjoni L 6083 ghad-detriment ta' Sandro Bianchi mis-Swieqi, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira maltin izda izjed minn hamsin lira maltin.
ii) Fiat Mira Fiore 131, bin-numru ta' registrazzjoni S 4509 ghad-detriment ta' Francis Vella, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira maltin izda izjed minn hamsin lira maltin.
iii) Honda bin-numru ta' registrazzjoni T 7088 ghad-detriment ta' Peter Degiorgio, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira maltin izda izjed minn hamsin lira maltin.
iv) Vauxhall bin-numru ta' registrazzjoni D 7161 ghad-detriment ta' Dimitri Apanesenko.

d) Issib lill-akkuzati Aphron Agius u Jason Mifsud hatja talli f'dawn il-gzejjer maltin, fil-lejl bejn il-25 u is-26 ta' Awissu 1993 saqu vettura minghajr ma kienu koperti b'polza tas-sigurta dwar riskji ta' terzi persuni u dan skond l-Artikolu 3, 20 u 22 tal-Kapitolu 104 citat.

Rat l-artikoli 261 (a), (b), (c) (f), 262 (b), 26B, 264 (1), 265, 267, 270, 276, 277, 278, 279 (a), 280 (2), 328 (d) tal-Kodici Kriminali.

Filwaqt li ssib it-tlett akkuzati mhux hatja tal-akkuzi kif migjuba taht l-artikoli 325 tal-Kodici Kriminali u tilliberahom mill-istess akkuza u fil-konfront ta' Aphron Agius u Jason Mifsud issibhom mhux hatja tal-akkuzi migjuba taht l-artikolu 4 u 18 tal-Kapitolu 65 citat u tilliberahom mill-istess akkuzi;

In rigward piena, il-Qorti kkunsidrat:
a) Li l-incident in ezami ma gabx konsegwenzi serji u gravi fil-konfront ta' xi persuni izda rrizulta biss fi hsarat f'diversi vetturi, kif ser jinghad, a bazi tar-rapport tekniku hawn fuq citat:
i) Hsara fil-vettura numru L 6083 a detriment ta' Sandro Bianchi, stmata LM60.
ii) Dik fil-vettura numru E 0975 kunsiderata bhala minima.

iii) Dik fuq il-vettura numru S 4509 stmata LM400 a detriment ta' Francis Vella.
iv) Dik fuq il-vettura numru T 7088 stmata Lm80 a detriment ta' Peter Degiorgio.
v) Dik fuq il-vettura misruqa stmata LM400 a detriment ta' Paul Buhagiar f'isem 'Paul and Rocco'.

In oltre mil-fedina penali tal-akkuzati jidher li din kienet l-ewwel darba li l-akkuzati kommettew id-delitt ta' serq. Fil-fatt in rigward Aphron Agius u Kevin Saliba, sad-data ta' dan l-incident, dawn ma kienux instabu hatja ta' xi reat u kellhom kondotta nadifa waqt li Jason Mifsud kien instab hati ta' pussess ta' droga (eroina) biss.

Ghalhekk fil-fehema tal-Qorti jkun opportun, in rigward l-akkuza ta' serq, illi l-Qorti tapplika l-artikolu 22 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta gia Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 kif ukoll tordna lill-istess akkuzati sabiex ihallsu kumpens lill-vittmi accertati f'dan il-kaz.

Ghaldaqstant il-Qorti tordna li l-akkuzati jigu liberati bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor fi zmien sena millum. In oltre tordna lil-istess akkuzati sabiex ihallsu terz (1/3) kull wiehed is-somma ta' LM60 lil Sandro Bianchi, dik ta' LM400 lil Francis Vella, dik ta' LM80 lil Peter Degiorgio u dik ta' LM400 lil Paul Buhagiar f'isem id-ditta 'Paul and Rocco'.

In rigward l-akkuza taht il-Kapitolu 104 migjuba fil-konfront ta' Aphron Agius u Jason Mifsud, il-Qorti tikkundannahom ghall-piena ta' LM50 kull wiehed bhala multa kif ukoll tordna li l-istess zewg akkuzati jkunu skwalifikati minn kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sitt (6) xhur millum.

Fl-ahhar nett skond l-Artikolu 533 citat il-Qorti tordna li l-akkuzati jhallsu, solidalment bejnithom, l-ispejjes kollha in konnessjoni ma' nomina jew konferma ta' esperti waqt dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------